PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
21 ta' Frar, 2021

# L-EWWEL ĦADD

Qegħdin fl-ewwel Ħadd tar-Randan Imqaddes. Bdejna dawn is-sitt iħdud li jwassluna sal-festa kbira tal-Għid. It-tema li xtaqt naqsam magħkom għal din il-ġimgħa hija dik li se nittrattaw dwarha fil-quddiesa għat-tfal f'dan il-Ħadd.

Ġesù jiena nafda Fik.

F'dan iż-żmien li għaddejjin minnu għandna l-possibbiltà li nitilfu l-fiduċja fil-Mulej. Imma għandna l-possibbiltà wkoll li nintelqu għalkollox f'idejn Alla. Meta wieħed iħossu fraġli u mhux qed jikkontrolla lil ħajtu, hemmhekk għandek iċ-ċans tintebaħ iktar li waħdek ma tasalx, li m'intix kapaċi ssolvi kollox.

Ippermettuli nirrakkonta storja ħelwa. Tifel żgħir daħal fil-kju waħdu biex jgħaddi miċ-checkin u jitla' fuq l-ajruplan. Daħal qisu mhux hu, mimli kuraġġ u deċiż. Xħin l-ajruplan tela' u beda l-vjaġġ, it-tifel baqa' kalm, waħdu maġenb raġel li kien kollu eċitat. Xħin l-ajruplan waqa' bl-airpocket u beda jixxejkja fit-turbulenza, ir-raġel maġenb it-tifel ma setax jemmen u qal lit-tifel kalm, "Kif, int m'intix tibża'?" It-tifel wieġbu, "Nibża' għalfejn? Jien m'iniex waħdi; nafda fil-pilota għax illum missieri qed isuq l-ajruplan."



Mank li nżommu dejjem f'moħħna biex nafdaw fil-Missier għax hu qed isuq!

Mela ħbieb ejjew nibdew ir-Randan billi nħallu kollox f'idejn Alla. Ejjew kuljum nibdew il-jum billi nroddu s-salib u nagħmlu l-ħidma kollha tal-ġurnata fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

***L-Arċipriet***

## ROKNA EKOLOĠIKA: PRODOTTI ORGANIĊI

Bħalissa fl-Ewropa kollha hawn 270 elf bidwi ta' prodotti organiċi. Il-biedja organika teskludi l-modifikazzjoni ġenetika u tħares il-ħajja tal-annimali. Tuża metodi ta' produzzjoni kemm jista' jkun naturali, mingħajr l-użu ta' pestiċidi kimiċi. Il-bidwi ekoloġiku huwa iktar konxju tal-ħarsien tal-bniedem u tal-ambjent.

## AVVIŻI OĦRA:

**IL-MUŻEW TAL-BNIET JAVŻAW:** li l-ġimgħa d-dieħla, jiġifieri mit-22 sas-26 ta' Frar, it-tfal mhux ser ikollhom duttrina imma **dawk ta' Year 3, nhar it-Tnejn, ser ikollhom bħas-soltu sabiex jiġu ppreparati għall-Ewwel Qrara.**

**L-ISTATWI U L-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA:** Minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-COVID-19, il-purċissjonijiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa mhux ser isiru fid-djoċesi ta' Għawdex. Minħabba restrizzjonijiet tal-ispazju fil-knisja parrokkjali ġie deċiż li ma jinħarġux l-istatwi kollha. Matul il-jiem tar-Randan ser ikunu esposti ż-żewġ statwi li jirrappreżentaw il-kurċifissjoni u d-duluri ta' Sidtna Marija.

**TISWIJIET FL-OQBRA:** Se jsiru tiswijiet fl-oqbra mill-241 sal-267. Dawk li għandhom il-fdalijiet tal-għeżież tagħhom f'dawn l-oqbra, għandhom ikellmu lil Mons. Muscat fl-Uffiċċju Parrokkjali sas-26 ta' Frar.

**SENA ĊENTINARJA - 19:** il-preżenza ta' praesidia taż-żgħar f'parroċċa hija mixtieqa ħafna wkoll. Dan għaliex il-ħidma tal-Leġjun tista' tkun "imbierka b'ħafna vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi minn fost il-membri tiegħu u t-tfal tagħhom."

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am